**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 4 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 127/01**

**Rita Gillian Gialanze**

**Vs**

**Gordon Stewart Thompson**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija wiehed u sebghin liri Maltin (Lm471), ammont dovut ghall-kera u kontijiet tal-elettriku, tal-ilma u tat-telephone in konnessjoni mal-appartament numru 13, Water's Edge Apartments, Qui-Si-Sana Place, Sliema.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-12 ta' Jannar 2001 u dawk tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment mal-prezenti kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat anke bi traduzzjoni bl-Ingliz ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma mitluba ta' erba' mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm471) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg